MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta tat-18 ta' Mejju, 2009

Talba Numru. 789/2007

**Alfred u Antonia konjugi Attard**
**(I.D. Nru. 621844M)**
**vs**

**Jobert Schembri**
**(I.D. Nru. 425584M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-Talba pprezentat mill-atturi il-konjugi Attard permezz ta' liema jitolbu li l-konvenut jigi kkundannat hallashom lura s-somma ta' Lm686, illum ekwivalenti ghal €1,597.95, rapprezentanti bilanc minn somma akbar li huma selfu lill-konvenut.

Ra r-Risposta tal-konvenut permezz ta' liema jeccepixxi li bejnu u l-atturi ma tezisti l-ebda relazzjoni ta' self u li l-pretensjonijiet ta' l-istess atturi kif dedotti fil-konfront tieghu huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Ra x-xhieda li taw l-attrici Antonia Attard waqt is-seduta tas-17 ta’ Marzu 2008 u waqt is-seduta tat-2 ta’ Marzu 2009, George Attard waqt is-seduta tas-27 ta’ Ottubru 2008 u l-konvenut Jobert Schembri waqt is-seduta tat-2 ta’ Marzu 2009.

Ra l-atti kollha tal-kawza, r-rendikont ezebit mill-attrici bhala Dok. “AA” minn fol. 24 sa’ 32 tal-process u n-Nota ezebita mill-konvenut a fol. 33 tal-process.

Sema’ t-trattazzjoni tal-kawza u ra li fis-seduta ta’ l-24 ta’ Marzu 2009 il-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkonsidra:**

**Fatti:**

Jirrizulta inkontestat bejn il-partijiet kontendenti li l-konvenut kien ghamel xi zmien johrog mat-tifla ta’ l-atturi konjugi Attard, Marianna Attard. Dana kien madwar sentejn qabel ma infethu l-proceduri odjerni u l-konvenut dam johrog maghha ghal madwar sena u nofs jew xi haga fuqhom.

L-atturi konjugi Attard jippretendu minghand il-konvenut il-hlas tas-somma ta’ Lm686, illum ekwivalenti ghal €1,597.95, li l-attrici Antonia Attard tiddikjara li kienu inghataw b’self lill-konvenut waqt li kien johrog ma’ bintha Marianna Attard. Dan is-self beda ftit wara li l-konvenut beda johrog ma’ bintha u kwazi kull xahar kienet taghtih xi haga.

Antonia Attard tghid li l-konvenut kien jitlobha l-flus ghaliex ma kienx ikollu flus tieghu biex jixtri l-affarijiet li kien ikollu bzonn. Dak iz-zmien il-konvenut ma kellux xoghol fuq bazi *full time* izda biss fuq bazi *parti time.*

L-attrici kienet issellef lill-konvenut flus ghal affarijiet bhalma huma l-insurance tal-karozza, ghall-hlas ta’ CAA u ghall-ispare parts tal-karozza.

L-attrici zammet rendikont dettaljat ta' l-ammonti li kienet issellef lill-konvenut u dana r-rendikont, jew ahjar kopja tieghu miktuba minn bintha Marianna ghaliex l-attrici ma tantx taf tikteb, giet ezebita fl-atti bhala Dok. "AA" a fol. 24 sa' 32 tal-process.

Dana d-dokument juri l-ammonti kollha mislufa mill-atturi lill-konvenut, xi hlasijiet lura li lahaq ghamel il-konvenut u l-bilanc li l-konjugi Attard qed jippretendu illi ghadu dovut lilhom mill-konvenut.

L-attrici tiddikjara li l-konvenut ghandu kopja ta' dan ir-rendikont li ghadditulu hi stess ben darbtejn billi l-ewwel darba tilef il-kopja li kienet taghtu.

Ma kienx hemm ftehim partikolari bejn l-atturi u l-konvenut dwar kif dawn il-flus kellhom jithallsu lura izda, meta kien jahdem il-kovenut kien jaghtiha xi haga minnhom lura. Meta l-konvenut hassar minn ma' bintha huwa qal lill-attrici li ma kellhiex ghalfejn tikkonfondi dwar il-flus li kellu jaghtihom.

Xi zmien wara li l-konvenut hassar minn ma' Marianna Attard l-istess konvenut hallas lura lill-attrici s-somma ta' Lm80 liema somma thallset f'zewg pagamenti ta' Lm40 il-wiehed.

L-attrici tghid li dawn l-ammonti l-konvenut ghaddihomlha ma' binha George Attard. Hija tichad li dawn il-pagamenti ta' Lm40 il-wiehed saru lilha direttament. Wara dawn iz-zewg pagamenti l-konvenut ma effettwawx hlasijiet ulterjuri ghaliex kellu xi jghid ma' George Attard.

Dawn iz-zewg pagamenti jinsabu mnaqqsa mill-bilanc illum pretiz mill-atturi minghand il-konvenut.

George Attard, bin l-attrici, ikkonferma li: (a) il-konvenut kien johrog ma' ohtu Marianna Attard; (b) il-genituri tieghu kienu jsellfu flus lill-konvenut; (c) li l-atturi u l-konvenut kienu ftehmu li kull tant zmien il-konvenut ihallas lura ammont minn dan is-self; u li (d) il-konvenut ghandu jaghti

lura lill-atturi *sitt mija u fuqhom. Is-sitt mija huma liri Maltin*[1].

George Attard seta' jikkonferma dan kollu ghaliex kien ikun prezenti meta l-attrici kienet issellef il-flus lill-konvenut u kien prezenti wkoll meta l-attrici u l-konvenut ftehmu li dan ihallasha lura ftit ftit fix-xahar u mhux kollox f'daqqa.

Attard ikkonferma wkoll ir-rendikont ezebit fl-atti tal-process u li l-kopja li hemm fil-process inkitbet minn ohtu Marianna.

Bin l-attrici xehed illi wara li l-konvenut hassar minn ma' ohtu hu xorta zamm kuntatt mieghu u kien hemm zewg okkazzjonijiet fejn ghaddielu Lm40 kull darba ghall-atturi.

Il-konvenut jiddikjara li huwa ssellef il-flus minghand l-atturi darba biss u dana ghall-ammont ta' Lm80 li kellu bzonnhom biex ihallas l-insurance tal-karozza. Dawn Lm80 hallashom lura lill-atturi u jikkontendi li llum ma ghandu jaghtihom xejn iktar billi hlief ghal dak l-ammont qatt ma issellef xejn minghandhom.

Il-konvenut jghid illi bint l-atturi Marianna Attard kienet tixtri hafna affarijiet bhalma huma prodotti tax-xaghar, handbags, hwejjeg u affarijiet ohra simili, u li kienet tpejjep ukoll.

Xi drabi kien jaghtiha l-flus hu biex tixtri dawn l-affarijiet u drabi ohra l-flus kienet iggibhom minn x'imkien iehor. Meta kien jistaqsiha minn fejn kienet iggib il-flus hija kienet tghidlu *imbaghad nghidlek*[2]. Lejn l-ahhar tar-relazzjoni taghhom Marianna kienet qaltlu li l-flus kienet tissellifhom minghand ommha u li din tippretendi l-hlas lura direttament minghandu.

Il-konvenut xehed illi l-ewwel darba li gie mitlub ihallas lura dawn il-flus lill-atturi kien 'l ghada li huwa hassar minn ma' Marianna Attard. Kien hemm perjodu ta' madwar

---

[1] Fol. 38 tal-process.
[2] Fol. 47 tal-process.

sena u nofs fejn l-atturi ma talbuhx iktar ghall-hlas izda imbaghad regghu bdew jippretendu hlas minghandu.

Il-konvenut jichad li qatt kellu bzonn jissellef minghand l-atturi flus ghall-karozza jew ghall-fuel ghaliex dak iz-zmien kellu xoghol fuq bazi *full time* bhala *dishwasher* mal-Corinthia San Gorg u ghalhekk ma kellux ghalfejn jissellef flus minghand l-atturi. Huwa jichad li kemm dam johrog ma' Marianna Attard, lill-atturi kien già hallashom is-somma ta' Lm525 u sahaq li ma kellux bzonn jissellef flus minghandhom ghaliex dak iz-zmien kien jahdem fuq bazi *full time*.

Huwa kkonferma li jaf lil George Attard, hu Marianna u bin l-attrici, u li baqa' jkellmu anke wara li hassar minn ma' Marianna. Madankollu cahad li qatt ghadda pagamenti ghall-atturi ma' dan George Attard. Iz-zewg pagamenti li ghamel ta' Lm40 il-wiehed kien hallashom direttament lill-attrici meta mar id-dar taghha biex jigbor xi affarijiet li kellu ghandha.

Il-konvenut jghid li l-ewwel pagament ta' Lm40 sar madwar jumejn wara li hassar minn ma' Marianna u f'dik l-okkazzjoni kellu lil certu Clint Fabri mieghu. Il-konvenut rega' mar darb'ohra d-dar ta' l-atturi biex jigbor television li kien halla warajh u hemm effettwa l-hlas tat-tieni somma ta' Lm40. Mhuwiex cert jekk f'din it-tieni okkazzjoni kienx prezenti Clint Fabri jew le.

Ghall-hlas tas-somma ta' Lm80 il-konvenut ma talab u ma inghata l-ebda ricevuta minghand l-atturi. Huwa jghid illi fuq din il-kwistjoni huma fdaw lil xulxin.

Il-konvenut ikkonferma li l-attrici kienet ghaddietlu kopja tar-rendikont ezebit bhala Dok. "AA" minn fol. 24 sa' 32 tal-process. Jidher li l-attrici kienet cemplitlu biex tghidlu li ghandha l-karta li turi l-ammont li skond hi huwa dovut minnu u hu kien mar biex jigbor din il-karta.

## Konsiderazzjonijiet:

Mill-provi prodotti mill-partijiet kontendenti johrog ferm evidenti li t-Tribunal ghandu quddiemu zewg verzjonijiet kompletament opposti ghal xulxin. L-atturi li jghidu li l-konvenut ghandu jaghtihom lura s-somma ta’ Lm686, illum ekwivalenti ghal €1,597.95, bilanc minn somma akbar rapprezentanti diversi ammonti mislufa lilu tul il-perjodu li dam johrog mat-tifla taghhom u l-konvenut li jghid li ma ghandu jaghti xejn lill-atturi ghaliex l-uniku ammont li qatt issellef minghandhom kien dak ta’ Lm80 ghall-insurance tal-karozza, liema ammont thallas lura permezz ta’ zewg pagamenti ta’ Lm40 il-wiehed.

Huwa principju assodat fil-gurisprudenza nostrali li *f’materja ta’ konflitt ta’ versjonijiet l-Qorti kellha tkun gwidata minn zewg principji fl-evalwazzjoni tal-provi quddiemha: 1. Li taghraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista’ tikkonforta xi wahda miz-zewg versjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn ohra; u 2. Fin-nuqqas, li tigi applikata l-massima “actore non probante reus absolvitur”*[3].

Mill-provi prodotti t-Tribunal huwa tal-fehma li mill-verzjonijiet moghtija mill-partijiet kontendenti, hija l-verzjoni ta’ l-atturi li hija l-iktar kredibbli u attenibbli.

L-attrici kienet dejjem konsistenti fix-xhieda taghha, kemm meta xehdet in ezami u in kontro-ezami waqt is-seduta tas-17 ta’ Marzu 2008 kif ukoll meta regghet xehdet in kontro-ezami waqt is-seduta tat-2 ta’ Marzu 2009. Dak li xehdet l-attrici jinsab korroborat mix-xhieda li ta binha George Attard waqt is-seduta tas-27 ta’ Ottubru 2008 u mir-rendikont minnha ezebit bhala Dok. “AA” a fol. 24 sa’ 32 tal-process.

Ghalkemm ir-rendikont ezebit mill-attrici mhuwiex dak originali minnha miktub di proprio pugno tul iz-zmien kollu li kienet issellef flus lill-konvenut izda huwa kopja miktuba minn bintha, it-Tribunal ma jsib ebda raguni ghaliex ma

---

[3] **Maria Xuereb et v. Clement Gauci et, Appell Civili Nru. 290/01** deciza fl-24 ta’ Marzu 2004.

ghandux jemmen li r-rendikont ezebit huwa kopja li fedelment tirrifletti r-rendikont originali mizmum mill-attrici. Barra minhekk l-attrici Antonia Attard ikkonfermat il-kontenut ta' dan ir-rendikont u li dan juri l-ammonti kollha li gew mislufa lill-konvenut, l-ammonti li l-istess konvenut lahaq hallas lura u l-bilanc pendenti li ghadu dovut minnu.

Il-konvenut invece ma ressaq ebda prova li sodisfacentement tikkonvinci lil dan it-Tribunal illi l-verzjoni moghtija minnu hija veritjera u attendibbli.

Fix-xhieda tieghu l-konvenut jaghmel serie ta' affermazzjonijiet li però ma gew minnu bl-ebda mod ikkoroborati b'xhieda jew dokumenti opportuni u b'hekk il-kredibilità tieghu tirrizulta serjament effettwata.

Il-konvenut jikkontendi li fiz-zmien meta kien johrog ma' bint l-atturi ma kellux bzonn jitlobhom flus, hlief ghas-somma ta' Lm80 biex ihallas l-insurance tal-karozza, ghaliex dak iz-zmien kien jahdem fuq bazi *full time* bhala *dishwasher* mal-Corinthia San Gorg.

Din l-affermazzjoni tal-konvenut hija kontestata mill-attrici li tghid illi billi huwa kien jahdem fuq bazi *part time* biss ma kienx ikollu flus bizzejjed u b'hekk kien jitlob il-flus lilha.

Nonostante l-kontestazzjoni ta' l-attrici, l-konvenut ma ressaq l-ebda prova li sodisfacentement tikkorobora l-affermazzjoni tieghu u li tikkontradici dak dikjarat mill-attrici.

Il-konvenut jikkontendi li l-flus l-attrici kienet issellifhom lil bintha u mhux lilu u ghalhekk l-atturi ma ghandhom ebda dritt jippretendu l-hlas lura minghandu. Minkejja din l-affermazzjoni tant centrali ghad-difiza tieghu l-konvenut ma ressaqx lil Marianna Attard bhala xhud biex jikkonfrontaha b'din l-istess affermazzjoni.

Ghal dak li jirrigwarda l-ammont li l-konvenut jghid illi ssellef biex ihallas l-insurance tal-karozza, t-Tribunal jinnota li mir-rendikont ezebit mill-attrici jirrizulta li l-

ammont misluf ghal dan l-iskop kien ta’ Lm100[4] u mhux ta’ Lm80 kif allegat mill-konvenut. Ghalkemm il-konvenut kellu kopja ta’ dan ir-rendikont f’idejh ghaliex kif ammess minnu stess l-attrici kienet zmien qabel ghaddietlu kopja tieghu, huwa ma gab ebda prova biex juri li l-ammont li ssellef ghall-insurance tal-karozza kien effettivament ta’ Lm80 kif minnu affermat u mhux ta’ Lm100 kif annotat mill-attrici.

Din mhijiex l-unika inkonsistenza rigwardanti dan l-ammont. Il-konvenut jikkontendi li huwa kien hallas lura s-somma ta’ Lm80 f’zewg pagamenti ta’ Lm40 il-wiehed li kien ghaddiehom direttament lill-attrici u mhux tramite George Attard, kif affermat minn dan ta’ l-ahhar. Huwa jghid li meta hallas l-ewwel pagament ta’ Lm40 lill-attrici mieghu kellu lil certu Clint Fabri.

Hawn ukoll però il-konvenut naqas milli sodisfacentement jikkorrobora l-affermazzjonijiet tieghu. Ghalkemm jidher li hemm xhud, ossia Clint Fabri, li jista’ jikkontradici dak dikjarat minn George Attard u minflok jissosstanzja dak affermat mill-konvenut, inspjegabilment dan il-persuna ma tressaqx bhala xhud mill-konvenut.

Minbarra n-nuqqas ta’ koroborazzjoni ta’ l-affermazzjonijiet tal-konvenut jirrizultaw diversi fatturi ohra li serjament jimpingu fuq il-kredibilità tieghu.

Il-konvenut jghid illi l-ewwel darba li l-atturi bdew jippretendu hlas minghandu kien ‘l ghada li hassar minn ma’ binthom Marianna Attard. Ghalkemm jghid illi dritt ikkontesta tali pretensjoni ghall-hlas, meta effettwa l-hlas tas-somma ta’ Lm80 permezz taz-zewg pagamenti ta’ Lm40 il-wiehed li, skond hu, huwa l-uniku ammont li qatt issellef minghand l-atturi, stranament ma talab ebda forma ta’ ricevuta minghandhom. Huwa jipprova jiggustifika dan il-komportament anomalu tieghu fic-cirkostanzi billi jghid illi hu u l-atturi fdaw lil xulxin.

[4] Fol. 25 tal-process.

Anomalija ohra li tirrizulta mill-komportament tal-konvenut u li tikkontrasta ferm mad-difiza tieghu ghall-pretensjonijiet attrici hija l-fatt li meta l-attrici qaltlu li kellha karta ghalih li turi kemm kellu jirrifondilhom flus, il-konvenut minnu jeddu mar biex jigbor kopja ta' din il-karta.

Huwa ferm difficli li jitwemmen li minn jikkontesta pretensjoni ghall-hlas minn jeddu imur jigbor proprio dokument li skond il-kreditur juri l-ammont tal-kreditu dovut.

B'hekk jigi ribadit illi mill-atti processwali jirrizulta li hija l-verzjoni ta' l-atturi li tirrizulta l-iktar kredibbli u attendibbli u ghaldaqstant il-pretensjonijiet taghhom kif dedotti fil-konfront tal-konvenut jisthoqq li jigu milqugha.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut jilqa' t-talba ta' l-atturi u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' elf, hames mija u sebgha u disghin euro u hamsa u disghin centezmi (€1,597.95), ekwivalenti ghal Lm686, bl-imghax legali dekoribbli mill-11 ta' Dicembru 2007 (id-data tal-prezentata ta' l-Avviz tat-Talba kif korrett) sad-data ta' l-effettiv pagament. L-ispejjez ta' dawn il-proceduri jibqghu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------